# Il-Kappella tal-Madonna tal-Medalja Mirakoluża

*Max Farrugia*



Wara ħamsa u għoxrin sena ta' taqtigħ il-qalb għall-imseħbin fis-Soċjeta' tad-Duttrina Nisranja, (M.U.S.E.U.M) Monsinjur Isqof Mawru Caruana kien talab lil Dun Ġorġ Preca, il-fundatur ta' din l-Għaqda, biex imur il-Kurja għax kellu aħbar tajba xi jwassalu. Kien it-12 ta' April 1932 meta l-Knisja Maltija ħarġet id-digriet ta' erezzjoni kanonika, li kienet tgħid li s-Soċjeta tal-Duttrina Nisranija ġiet imwaqqfa u l-istatut tagħha approvat.

Waqt laqgħa li Dun Ġorġ kellu mas-soċi tas-Soċjeta' ftit tal-ġranet biss wara, ħabbar li kienu se jibdew tħejjijiet għal proġett kbir ħafna fi ħdan is-Soċjeta'. Hu kien qed jirreferi għall-bini taċ-ċentru nazzjonali għas-Soċjeta' li jinkludi kappella miegħu.

Dan il-proġett ta' fejda spiritwali kellu l-bidu tiegħu f'Diċembru tal-1936 meta Dun Ġorġ Preca, llum il-ġurnata, l-ewwel u l-uniku qaddis malti, kien kiteb lill-Isqof Caruana fejn talbu li xtaq li biċċa art li hemm il-Blata l-Bajda tiġi żviluppata bħala Ċentru Nazzjonali għas-Soċjeta' tad-Duttrina. Ma' din it-talba huwa bagħat rapport dettaljat tal-proġett inkluż anki xi pjanti u disinnji. Il-Kurja ma sabet l-ebda oġġezzjoni.

Mill-bidu nett deher li dan il-proġett ma kienx se jkun wieħed faċli biex jitwettaq. Biżżejjed ngħid li l-art ngħatat u ħarġu l-permessi wara tmintax-il sena. Fit-23 ta' Diċembru 1936 l-Isqof bagħat kopja tal-petizzjoni ta' Dun Ġorġ lill-Gvernatur ta' dak iż-żmien, Charles Bonham Carter u magħha r-rakomandazzjonijiet tiegħu. Il-Gvernatur wieġeb li din it-talba kienet se tiġi kkunsidrata. Wara kważi tliet xhur, fid-9 ta' Marzu tal-1937, il-Gvernatur informa lill-Isqof li t-talba sabiex l-art li kienet fi Triq is-Salib tal-Marsa kantuntiera ma' Triq il-Kbira San Ġuzepp il-Ħamrun, tingħata ċens perpetwu ma setgħetx tiġi milqugħa u għalhekk it-talba li saret ġiet rifjutata. Id-direttur tax-Xogħolijiet Pubbliċi informa lil Gvernatur li għal-istess biċċa art kienet diġa' saret applikazzjoni minn Lorenzo Balbi, li xtaq li tinbena knisja fuqha u l-applikazzjoni kienet ġiet rifjutata. It-tabib ewlieni tal-Gvern esprima l-opinjoni tiegħu u qal li din l-art ma għandix tingħata sabiex tiġi żvillupata minħabba li fuq darba kien hemm cimiterju, u allega li kien għadd hemm għadam uman fih.

Dun Edgar Salamone, il-kappillan tal-Imġarr ta' dak iż-żmien, fis-6 t'April 1937 flimkien ma' Guzeppi Schembri,is-Segretarju tal-Socjeta' tad-Duttrina kellhom laqgħa mal-Gvernatur, l-għan kien li l-awtoritajiet isiru jafu aktar dwar ix-xogħol u l-ġid li din is-Socjeta', tagħmel fid-diversi rħula Maltin b'mod speċjali mat-tfal tal- ħaddiema u l-problemi li kienet qed tiffaċċja minħabba li ma kellix sede centrali. Il-Gvernatur ġie nfurmat li s-Soċjeta' kienet lesta li tpartat biċċa art li kellha fi Triq Giovanni Barbara l-Ħamrun ma' biċċa art oħra fl-istess inħawi anki jekk ma tkunx dik mitluba. Għal darba oħra l-Gvernatur wiegħed l-appoġġ kollu tiegħu. L- alternattiva li ntalbet kienet faċċata ta' fejn illum hemm dan il-kumpless tal- MUSEUM, bejn il-monument ta' Sir Robert Cavendish Spencer, u xi djar. Dwar l-art offruta mis-Soċjeta għat-tpartit id-Direttur tax-Xogħolijiet Pubblici rrimarka li l-art kienet tinsab f'post ċentrali ħafna fil-Ħamrun. Filwaqt li dwar l-art mitluba jgħid li ma segħtatx titpartat jew tinbiegħ minħabba li kienet parti integrali mill-fortifikazzjonijiet u allura taqa taħt il-liġi li tirregola il-bini. Id-direttur tax-Xogħolijiet kien qed jirreferi għal Att XX tal-1933.







Is-Segretarju Generali tas-Socjeta' ġie nfurmat u wara konsultazzjoni mal-membri tas-Soċjeta' l-applikazzjoni ġiet irtirata. Dun Edgar Salamone u Guzeppi Schembri komplew jaħdmu qatiegħ sabiex dan il-proġett iseħħ u saret applikazzjoni oħra. F'laqgħa oħra mal-Gvernatur, dwar l-applikazzjoni l-ġdida, is-Soċjeta' ingħatat informazzjoni li l-art ġiet stamta li tiswa elfejn u erbgħa mitt lira, ( bejn wieħed u ieħor 5,600 Ewro). Il- Gvernatur qalilhom ukoll li jekk jsir il-ftehim fuq inizjattiva tiegħu, tingħata konċessjoni ta' għaxra fil mija u minflok il-prezz kien se jinżel għal elfejn mija u sittin lira.( madwar 4,800 ewro). Għal dak iż-żmien din kienet ammont sostanzjali. Dwar it-tpartit tal-art ma ntlaħaqx ftehim. Il-logo tenent Gvernatur, Sir Harry Luke informa lil Kurja ukoll b'din l-offerta fis-17 ta Awissu 1937.

Minkejja dawn il-problemi kollha Dun Edgar Salamone kompla jaħdem sabiex jintlaħaq ftehim dwar ċens perpetwu u b'hekk it-taħdidiet ma jinqatgħux ħesrem. Fit-28 ta' Frar tal-1939, l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici, magħrufa bħala l-Gross, kiteb lis-Segretarju tal-Kunsill tal-Gvern sabiex jiġi ffissat prezz għall-kirja ta' din l-art minflok is-somma mitluba. Huwa rrimarka li x-xogħol li tagħmel din is-Soċjeta' mat-tfal tal-ħaddiema ħaqqu jigi apprezzat. Għal din il-proposta ma kienx hemm reazzjoni uffiċċjali min- naħa tal-Gvern Kolonjali. Għall-ittra tas-Soċjeta' tat-28 ta' Mejju 1939 dwar jekk kienx hemm xi żvillupi ġodda, il- Gvern stqarr li ma setax jibdel il-pożizzjoni tiegħu.

Għal madwar erba' snin, dan il-proġett tpoġġa fuq l-ixkaffa minħabba li faqqgħet it-tieni gwerra dinjija. Fis-27 ta' Ottubru tal-1943, is-Soċjeta' tad-Duttrina reġgħet għamlet tentattiv ieħor differenti. F'ittra li bagħtet lil Logo Tenent Gvernatur infurmatu li minħabba l-finanzi kienet lesta li tbiddel il-proġett għal wieħed li jkun jikkonsisti f'sala għal-laqgħat, skola teknika u mħażen tax-xogħol għall-membri, u dar għall-membri anzjani. Saret talba sabiex l-art tiġi valutata skont dan il-proġett. Id-Direttur tax-Xogħolijiet fir-rapport tiegħu jgħid li l-proġett kien kunsidrat bħala wieħed industrijali u l-istima għaliha kienet ta' ħamest elef lira ( madwar 13,660 ewro) minħabba li l-art titqies bħala industrijali. Il-Gvern kien informa lis-Socjeta' b'dan fit 30 ta' Mejju 1944 u li t-talba għall-art imsemmija fl-istess inħawi flok l-oħra ma setgħetx tintlaħaq kif kienu qed jitolbu huma, imma kienet tista' tiġi akkwistata biss wara sejħa ta' bejgħ. Is-Soċjeta' reġgħet kitbet lil-Logo Tenent Gvernatur fl-4 ta' Novembru 1944 biex tinfurmaħ li kienet se terġa' tmur għall-art oriġinali jiġifieri fejn kien ċimiterju għax dwar din l-art seta' jintlaħaq ftehim mingħajr inkwiet. Sadanittant, iċ-ċimiterju kien ġarrab ħsarat kbar meta kien intlaqat diversi drabi mill-bombi tal-għadu, tant li parti mill-balavostri li kienu jdawruh u anki il-musulew li kien hemm kienu tfarrku. Mitlub sabiex jerġa' jikkumenta dwar din l-art it-tabib ewlieni tal-Gvern irraporta li l-għadam uman kien tneħħa minn dan iċ-ċimiterju u ma kienx hemm oġġezzjoni min-naħa tiegħu għall-proġett. Dan kien ċimiterju fejn kienu jindifnu nies li kienu mietu bil-kolera u l-aħħar li ntuża kien fl-1854. Meta l-Gvern kien bena t-Triq tal-Marsa lejn il-Belt, l-għadam kien inġabar u ttieħed fiċ-ċimiterju ta' Marija Addolorata f'Raħal Ġdid.

Id-Direttur tax-Xogħolijiet Pubbliċi kien kontra li tinbena skola minħabba l-periklu li joħloq it-traffiku għal dawk li jattendu fiha. Minkejja dan, huwa xorta għamel stima għall-bejgħ mingħajr ma daħħal ċens fuqha. Din kienet ta' erbat elef, tliet mija u sittin lira. (madwar 5,270 ewro) Is-Soċjeta' talbet xi konnessjonijiet finanzjarji imma fit-3 ta' Mejju 1945 ġiet infurmata li ma setgħux jiġu milqugħa u li l-applikazzjoni ma kinitx se tkompli tiġi trattata minħabba li kien maħsub li fl-inħawi jsir proġett nazzjonali mill-Gvern. Għal darba oħra dan il-proġett reġa' waqaf ħesrem. Dun Gorġ ma qatax qalbu u fl-1 ta' Jannar 1948, għal darba oħra sar attentat differenti billi kitbet lil Prim Ministru fejn spegatlu li ċ-ċimiterji li

kienu qed jintalbu dejjem kienu kunsidrati bħala propjeta' tal-Knisja u allura setgħet tinsab soluzzjoni dwar dan il-proġett li kien ta' fejda nazzjoanli. Minkejja dan id-dipartiment tax-xogħolijiet baqa' joġġezzjona dwar l-użu ta' art taċ-ċimiterju. Huwa rrapporta li dak li kien darba ċimiterju kien se jsir ġnien pubbliku meta l-proġett maħsub mill-Gvern iseħħ.

Kellhom jghaddu xejn inqas minn sitt snin oħra meta fl-1954 intlaħaq ftehim dwar din l-art li dwarha kien hemm diskussjoni fil-Parlament. Il-Gvern ta' koalizzjoni bejn il-Partit Nazzjonalista immexxi minn Gorg Borg Olivier u l-Partit tal-Ħaddiema mmexxi Pawlu Boffa ddecieda li jagħti din lis-Soċjeta' tad-Duttrina.

**Jitbierek Il-Post U Tingħata L-Ewwel Daqqa Bil-Baqquna**

Ftit ġimgħat biss wara li ntlaħaq il-ftehim, fil-15 ta' Awissu 1954, jum Santa Marija, Dun Ġorġ Preca bierek din l-art u ta l-ewwel daqqa tal-baqqun biex jibda t-tindif. Dan il-kumpless jinsab imferrex fuq xejn inqas minn erba' mija u ħamsin metru kwadru. L-ewwel ġebla tpoġġiet mill-Arċisqof Gonzi fit-2 ta Ottubru 1954. Minbarra d-Dar Ċentrali nsibu ukoll fih auditorium kbir fejn isiru l-laqgħat għal membri fi ħdan is-Soċjeta' u kappella .

Wara li ħafna mix-xogħol taċ-Ċentru Nazzjonali tas-Soċjeta' tad-Duttirina kien fi stat avvanzat ħafna, fit-23 ta' Frar 1958 l-Arċisqof Mikiel Gonzi bierek l-ewwel ġebla tal-kappella dedikata lill-Madonna tal-Midalja Mirakoluża. Prezenti kien hemm hafna soċi tal-MUSEUM u membri minn għaqdiet oħra. San Ġorġ Preca kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna taħt dan it-titlu u kien huwa stess li għażel id-dedika. Sfortunatament ma kellux ix-xorti li jara din il-knisja lesta minħabba li miet qabel kienet lesta, imma kienet diġa' fi stat avvanzat sewwa.

Ftit qabel miet Dun Ġorġ bierek il-mudell li fuqu saret l-istatwa ta' Kristu li hemm fuq il-koppla tal-knisja. Taħt il-knisja kienet inbniet kripta li tinsab eżatt taħt l-altar. Fil-25 ta' Lulju l-1962, is-Superjur Ġenerali, Ġuzeppi Schembri bagħat supplika lill-Arċisqof sabiex Dun Ġorġ ikun jista' jindifen fil-kripta ta' taħt il-knisja tad-Dar Ċentrali. Dakinhar stess, mill-Kurja Arciveskovili, inħareġ il-permessi li kien jikkonċentra lilha. Kien sar rikors lid-Dipartiment tas-Saħħa wkoll sabiex Dun Ġorġ ikun jista' jindifen fil-Kripta. Dan il-permess inħareġ ukoll bil-kundizzjoni li huwa jkun l-uniku wieħed li jindifen f'din il-Kripta. Minbarra dawn kien hemm ukoll il-bżonn il-kunsens tal-familjari, li ngħata dakinhar stess. Id-difna saret fit-28 ta' Lulju 1962, jum il-festa liturgika ta' Sant'Anna, Omm il-Madonna, li huwa kien tant iħobb, wara quddiesa solenni ċċelebrata mill-Isqof Emmanuel Galea.

Din il- kappella tbierket u nfetħet uffiċċjalment mill-Arcisqof Mikiel Gonzi fit-13 ta' Mejju, 1964. Inbniet fuq stil klassiku modern u tesa' madwar tliet mija u għoxrin ruħ. Għandha l-għamla tagħha simili ħafna għall-kappella magħrufa aktar bħala ta' Sarria tal-Floriana. Saret fuq id-disinn ta' Ġuże' Damato. Fl-1962, fuq il-bieb prinċipali tal-kappella minn barra, tqiegħdet statwa tal-Madonna bil-qiegħda u fuqha eżatt hemm il-kliem Verbum Dei Caro Factum Est. Sena wara ttellgħet fuq l-antenna ta' din il-kappella, statwa tal-bronż ta' Ġesu Feddej. F'din il-kappella minbarra l-fdalijiet sagri ta' San Ġorġ Preca insibu wkoll id-demm ta' dan il-qaddis li kien ħadlu t-Tabib kuranti tiegħu Lawrance Spiteri.

Il-Kappella tinsab fil-ġenb tad-Dar Ċentrali tas-Soċjeta tad-Duttrina Nistranija. Kienet rinnovata fl-2001 biex takkomoda l-fdalijiet qaddisa ta' San Gorg Preca (1880-1962) ftit wara l-ibbeatifikat mill-Papa Gwanni Pawlu II f'Malta fid-9 ta' Mejju 2001 u kkanonizzat mill-Papa Benedittu XVI f'Ruma fit-3 ta' Ġunju 2007. It-tibdil strutturali kien ġie ddisinjat mill-arkitett Malti l-Perit. Richard England, filwaqt li x-xogħol neċessarju sar kważi kollu mill-membri tas-Soċjetà.

Ġo kappellun li fih jinkludi l-qabar u l-altar maġġur nsibu x-xbieha tax-xema' fuq il-qabar ta' San Gorġ Preca, xogħol ta' Michael Wade mill-Mużew ta' Madame Tussaud ta' Londra. Fuq ix-xellug tal-altar hemm statwa tal-Madonna tal-Medalja Mirakuluża xogħol fl-injam, u quddiem il-qabar altar medja. Imdendel fin-nofs tal-kappellun hemm Kristu Imsallab. Il-fdal sagru ta' San Gorġ Preca jinsab ġo urna tal-ħġieġ taħt ix-xbieha tax-xema'. Meta wieħed ikun qed jitlob quddiem din ix-xbieha, jintebaħ li jdejn il-qaddis huma msallbin fuq sidru bis-swaba' miftuħa wieħed f'id u tlieta fl-oħra. Dawn jissimbolizzaw il-Misteru tat-Trinità Qaddisa, li huwa kien tant jimmedita fil-fond fuqu u jipprietka bil-ħeġġa dwaru.

**Il-Kappella tas-Sagrament**

Kif tidħol fil-kappella hemm daħla fuq ix-xellug li twasslek fil-kappella tas-Sagrament, fejn wieħed jista' jitlob fil-kwiet. L-ambjent tal-kappella jgħinek biex tilħaq dan il-għan. Fuq ix-xellug, it-tul kollu tal-kappella, hemm passaġġ li jfisser il-vjaġġ tal-bniedem fid-dinja. L-art hija miksija b'ċagħaq tal-irħam li jiksi l-passaġġ, filwaqt li blokki tal-injam jistrieħu fuq iċ-ċagħaq. Soċju tal-MUSEUM kien qiegħed jispjegali li ċ-ċagħaq u l-blokki juru l-instabbiltà tal-ħajja. Wieħed ibati biex jimxi fuq iċ-ċagħaq u allura jrid iżomm mal-blokki. Fin-naħa ta' ġewwa tal- kappella tas-Sagrament insibu t-tabernaklu li jinsab fuq plier tal-konkos. Fuq il-bieba tat-tabernaklu hemm kitba bil-Latin li tgħid: '*Magister adest et vocat te*' bil-Malti tfisser: 'Il-Mulej qiegħed hawn u qed isejjaħlek'. Fit-tarf nett hemm tieqa tal-ħġieġ li titfa' raġġ fuq it-tabernaklu bid-dawl naturali li tirċievi minn barra.

Il-Kappella tal-Madonna tal-Medalja Mirakoluża li tinsab fil-Blata l-Bajda u tagħmel parti mill-Ħamrun ikun hemm iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa kuljum. It-tnejn fis-7.30 ta filgħodu, filwaqt li mit-Tlieta sas-Sibt minbarra ta' filgħodu jkun hemm ukoll quddiesa fis-6.00 ta filgħaxija. Il-Ħadd il-quddies tkun fis-7.00 u fit-8.00 ta' filgħodu.

JOSEPH CAUCHI
Ironmongery
Furniture Fittings
Household Goods
Electrial Goods
Curtain Rails


2122 2737 / 9986 0887
email: jcironmongery@mail.com
9, Triq Dun Nerik Cordina Perez, Hamrun